# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 27/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Francis Refalo**

Illum 20 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Francis Refalo**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 112685(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-21 ta' April 2018 għall-ħabta tad-08.45am fl-inħawi tal-Qbajjar:

1. waqt staġun magħluq għat-teħid tal-għasafar, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur bi ksur ta' Regolament 18(1)(ċ) ta' L.S. 549.42;

2. ħa jew pprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-Regolamenti, mhux skont dawn ir-Regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;

3. ma żarmax u ma neħħiex l-imnasab (inklużi xbieki u lasti) minn fuq il-post tal-insib immedjatament meta għalaq l-istaġun tal-insib fil-ħarifa ta' l-2017 bi ksur ta' kondizzjoni numru 8 tal-liċenzja speċjali għall-insib limitat tal-għasafar tal-għana fil-ħarifa tal-2017 hekk kif mitlub minn Regolament 7(h) tal-L.S. 549.93.

Il-Qorti ġiet mitluba li bis-saħħa ta' Regolament 27(2) tal-A.L. 79 hekk kif emendat (L.S. 549.42), barra li tagħti l-piena skont il-liġi, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, ir-revoka ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, ir-Regolamenti 4(1)(a), 18(1)(ċ) u 27 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42), ir-Regolamenti 7(h), 9 u 10 tar-Regolamenti dwar Qafas biex tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Għasafar tal-Għana (L.S. 549.42),[1] sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal sena priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal sentejn mid-data tas-sentenza. *Ai termini* ta' Regolament 27(2)(b) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42), l-Ewwel Qorti ordnat ir-revoka permanenti ta' kull liċenzja jew permess maħruġa f'ismu, maħruġa taħt ir-Regolamenti msemmija u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Peress li l-

[1] Fis-seħħ fiż-żmien li fih twettaq ir-reat.

Prosekuzzjoni naqset li tippreżenta l-eżebiti mqar formalment, il-Qorti m'ordnatx il-konfiska tal-*corpus delicti*.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ma ssibx ħtija u b'hekk tillibera lill-esponenti appellant minn kull ħtija u piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jissottometti li fil-21 ta' April 2018 il-Pulizija kienu sabuh fl-għalqa tiegħu fejn minbarra li kellu kamra bil-ħamiem fiha, kellu wkoll xibka mifruxa mal-art ġol-għalqa u kien hemm gaġġa vojta fuq l-imsemmija xibka. Jgħid li hu kien għarraf lill-Pulizija li kien għamel ix-xibka biex il-ħamiem ma jiklulux il-piżelli u li x-xibka u l-gaġġa ġew konfiskati u meħuda l-Għassa tal-Pulizija.

Illi l-appellant ressaq tliet aggravju fir-Rikors tiegħu, li huma s-segwenti:

- Fl-ewwel aggravju l-appellant jgħid li ma kellux jinstab ħati u li mill-provi prodotti hemm taħwida fuq id-data għaliex filwaqt li PC 707 Robert Hili xehed li kien it-12 ta' April 2018, Freiwald qalet li hija marret fuq il-post fl-20 ta' April 2018 waqt li PC 1549 J. Bajada xehed li Freiwald ħadithom fuq il-post fil-21 ta' April 2018.

- Fit-tieni aggravju jisħaq li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-każ mingħajr l-ebda dubju raġjonevoli. Jgħid li l-Ewwel Qorti nvertiet l-oneru tal-prova u qalet li kien mistenni minnu li jġib il-prova li x-xibka kienet hemm minħabba l-piżelli biex il-prodott ikun protett mill-ħamiem. Jargumenta li l-allegat *corpus delicti* ma ġiex eżebit u li fil-kamra kien hemm biss ħamiem u li l-gaġġa kienet vojta. Jissottometti wkoll li min jonsob ikollu dura, il-lasti armati u d-*decoys* tal-għasafar fil-gaġeġ fuq ix-xbiek tal-mansab, oġġetti li ma kienx hemm fil-każ odjern. Jgħid li ma teżisti ebda prova li hu kien qed jonsob għall-għasafar tal-għana bil-mod tradizzjonali u għalhekk kellu jiġi liberat.

- Fit-tielet aggravju l-appellant jissottometti li kieku l-Ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjoni li kien qiegħed jonsob għall-ħamiem, il-ħamiem ma jaqax taħt id-definizzjoni tal-L.S. 549.42. Jgħid li mix-xiehda ta' Emanuel Muscat ma jirriżulta l-ebda nsib ta' ħamiem għax dan ikun ikkaċċjat u mhux minsub. Jgħid li apparti minn hekk ma hemm l-ebda prova jekk il-ħamiem kienx selvaġġ jew imrobbi Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

**Ikkunsidrat**

Illi quddiem l-Ewwel Qorti ġew prodotti, fost l-oħrajn, is-segwenti provi:

- Fl-affidavit tiegħu, **PC 707 Robert Hili** (*a fol.* 6) jgħid li fit-12 ta' April 2018 għall-ħabta tat-8.45am huwa kien iddetaljat ma' PC 1549 Joe Bajada sabiex jiltaqgħu ma' persuna barranija b'leħen femminili u turihom xi postijiet b'illegalitajiet rigward l-insib (xbieki). Jgħid li ltaqgħu ma' ċertu Freiwald u marru fi Triq il-Ħabel it-Twil fejn sabu lill-appellant fl-għalqa tiegħu. Jgħid li nnota xibka mifruxa fl-għalqa u gaġġa vojta fuq l-istess xibka u li l-appellant kien ta risposta għala kien hemm ix-xibka mifruxa. Jgħid li fl-għalqa kien hemm ukoll kamra bil-ħamiem.

- Fl-affidavit tiegħu, **PC 1549 J. Bajada** (*a fol.* 7) jgħid li fil-21 ta' April 2018 kien mar flimkien ma' PC 707 għall-ħabta tad-8.45am fejn kellhom jiltaqgħu ma' mara barranija biex turihom xi xbieki illegali. Jgħid li segwew lil din il-mara sa meta waslu fi Triq Ħabel it-Twil fil-Qbajjar u hemm sabu lill-appellant fl-għalqa tiegħu. Jgħid li kien hemm kamra bil-ħamiem fiha u li kien hemm xibka mifruxa mal-art b'gaġġa vojta u jgħid ukoll li x-xibka u l-gaġġa ġew ikkonfiskati.

- **Emanuel Muscat** (rappreżentant tal-*Wild Birds Regulation Unit* – *a fol.* 56 *et seq.*) qal li appellant kellu liċenzja tal-insib (Dok.

"EM" – *a fol.* 60) u li f'April 2018 l-istaġun tal-insib ma kienx miftuħ. Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li l-istaġun ma kienx miftuħ għall-insib għal tal-għana u li għall-ħamiem trid permess speċjali mill-Pulizija. Żied jgħid ukoll li m'hemm ebda nsib għall-ħamiem għax dan jittieħed b'mod differenti. Ikun hemm permess speċjali b'*air-gun* jew b'xi sistema differenti.

- **Fiona Burrows** (*a fol.* 61) qalet li fuq dan il-każ ma kienet taf tgħid xejn.

- **Bettina Volpe Freiwald** (*a fol.* 62 *et seq.*), li xehdet permezz ta' *video-link*, qalet li hija voluntier tal-CABS u li tirrapporta dak li hija sejjaħ bħala *"illegal trapping sites"* (*a fol.* 63). Tgħid li fl-20 ta' April 2018 marret ma' Willie Schubert x'imkien qrib Marsalforn u sabu post bl-insib. Tgħid li sabu *quail net* fl-art tal-għalqa u li kien hemm il-gaġeġ bil-*quails* ġo fihom bħala *decoys*. Tixhed li ħadu r-ritratti u marru 'l hemm. Tgħid li l-għada fil-21 ta' April 2018 ċemplu lill-Pulizija u meta waslu fid-daħla tal-għalqa kienet ħierġa vettura u l-Pulizija waqqfuha u hi ħadet ritratt tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MID 452. Tgħid li marru flimkien mal-Pulizija sa ħdejn ix-xibka tal-*quail*. Taħseb li kienet rat lir-raġel liebes libsa sewda għaliex kienet ħadet ritratt tiegħu wkoll u li kien b'dan il-mod li identifikat lill-appellant fl-awla. Tgħid li kellha r-ritratti bil-*quail nets* mifruxin u bid-*decoys*. Fil-kontro-eżami hija kkonfermat li kienu marru mal-Pulizija fil-21 ta' April 2018. Insistiet li kien fl-20 ta' April 2018 li raw it-*trapping net* u f'dan l-istadju tgħid ukoll li fil-21 ta' April 2018 lanqas biss marret fuq il-lok pero' tgħid li fil-21 ta' April 2018 rat lill-appellant ħiereġ u li dan beda jgħajjat.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jirreferi għad-dati msemmija fl-atti proċesswali. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad mix-xhieda prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u kif ġie elenkat aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Magħhom il-Qorti żżid li dwar id-data jirriżulta s-segwenti mill-atti proċesswali:

- Id-data fl-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-appellant hija waħda speċifika u ċioè il-21 ta' April 2018;

- PC 707 Robert Hili għamel riferenza għat-12 ta' April 2018 u jgħid x'ġara dakinhar;

- PC 1549 J. Bajada rrefera għall-21 ta' April 2018 u bħal PC 707 Hili jgħid x'ġara dakinhar;

- Bettina Volpe Freiwald tgħid li fl-20 ta' April 2018 marret ma' Willie Schubert x'imkien qrib Marsalforn fejn sabu post bl-insib u li ħadu r-ritratti u marru 'l hemm u li fil-21 ta' April 2018 ċemplu lill-Pulizija u meta waslu fid-daħla tal-għalqa kienet ħierġa vettura u l-Pulizija waqqfuha u hi ħadet ritratt tal-vettura. Fil-kontro-eżami tagħha nsistiet li kien fl-20 ta' April 2018 li raw it–*trapping net* u li fil-21 ta' April 2018 lanqas biss marret fuq il-lok pero' tgħid li fil-21 ta' April 2018 rat lill-appellant ħiereġ u li dan beda jgħajjat.

- Fis-sentenza tagħha (*a fol.* 70 *et seq.*), l-Ewwel Qorti qalet li d-differenza fid-data bejn dak li qal PC 707 u x-xhieda l-oħra kien *typing error*.

Illi m'hemm ebda dubju dwar id-data taċ-ċitazzjoni li hija l-21 ta' April 2018. Jirriżulta li Freiwald irreferiet għad-data ta' lejliet meta kienet fuq il-post u sabet it-*trapping site* kif ukoll il-gaġeġ bil-*quails* bħala *decoys* u li mbagħad issemmi l-21 ta' April 2018 meta marret mal-Pulizija. Din l-istess data tissemma minn PC 1549 J. Bajada li jgħid li mar ma' PC 707 Robert Hili. Filfatt PC 707 Robert Hili jgħid hekk: *"Nhar it-12 ta' April 2018 kont iddetaljat xogħol ALE ma' PC 1549 Joe Bajada"* (*a fol.* 6). Dan juri li ż-żewġ uffiċjali qed jgħidu li kienu flimkien u fl-istess post u fl-istess ħin. B'hekk il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti meta

kkonkludiet li fl-affidavit ta' PC 707 Hili kien hemm *typing error*. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li għandha tipprova l-każ tagħha mingħajr l-ebda dubju raġonevoli. Mill-provi jirriżulta x'sabu l-Pulizija (ix-xbiek mal-art u gaġġa vojta) u x'kienet rat Freiwald fil-jum ta' qabel: *"That was the day we found the trapping site. And in the afternoon we went in this field path and at the end of the pass there was a quail net on the ground in the field and there were also cages with quails in it as decoys"* (*a fol.* 63). Jirriżulta wkoll li fil-21 ta' April 2018 Freiwald marret mal-Pulizija imma ma daħlitx sa ġewwa. Barra dan, ma hemmx dubju li l-istaġun kien magħluq. Jirriżulta wkoll x'raw dakinhar tal-21 ta' April 2018 meta marru l-Pulizija. Emanuel Muscat xehed li huwa eskluż l-insib għall-ħamiem. Għandu jingħad li l-Ewwel Qorti skartat x'qal l-appellant lill-Pulizija għaliex qieset dak li qal bħala prova inammissibbli minħabba li kien qal dak il-kliem meta ma kienx assistit minn avukat (*a fol.* 73).

Illi l-appellant ma kienx korrett meta qal li l-Ewwel Qorti nvertiet l-oneru tal-prova. Fis-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti qalet hekk: *"Il-Qorti kienet tistenna li permezz ta' provi ammissibbli l-imputat jipprova sal-grad mistenni minnu dak li donnu jaċċenna għalih fit-trattazzjoni tiegħu kif ukoll fid-domandi in kontro-eżami magħmula lix-xhud Muscat u ċioè li x-xibka kienet hemm biex jiġi protett il-piżelli li suppost kellu miżrugħ fl-għalqa"* (*a fol.* 73).

Illi l-Ewwel Qorti kienet qed tikkonsidra li jekk wieħed jagħmel xi punt fis-sottomissjonijiet, dan irid ikun sorrett bi provi ammissibbli. Għandu jingħad li l-oneru tal-prova jibqa' fuq il-Prosekuzzjoni imma jekk id-difiża tagħmel sottomissjoni dwar fatt, allura dan trid tippruvah.

Illi d-difiża ssemmi wkoll li l-Prosekuzzjoni ma eżebitx il-*corpus delicti*. Dan pero' ma jfissirx li m'hemmx provi biżżejjed dwar it-tliet imputazzjonijiet. Każ jiġi ppruvat jew le mill-provi prodotti u

f'dan il-każ in-nuqqas ta' eżebizzjoni tal-eżebiti da parti tal-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma ħoloq xi dubju favur l-appellant. L-Ewwel Qorti ma ordnatx il-konfiska tal-*corpus delicti* għaliex dan ma ġiex ippreżentat imma bl-ebda mod ma jista' wieħed jikkonkludi li ma kienx hemm provi biżżejjed dwar it-tliet imputazzjonijiet. Biex wieħed jinstab ħati ta' kaċċa illegali ma hemmx ħtieġa li jinqabad b'xi għasfur f'idu jew jarawh qed jispara. Is-*circumstantial evidence* mhux biss hija ammissibbli talli tista' tkun l-aktar prova xjentifika. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju huwa purament spekulazzjoni ta' x'setgħet ħasbet l-Ewwel Qorti dwar il-ħamiem. Mis-sentenza tal-Ewwel Qorti jirriżulta li l-emfażi tagħha kien fuq il-*quails* u mhux fuq il-ħamiem. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tielet aggravju tal-appellant.

B'hekk isegwi li l-Qorti caħdet l-aggravji kollha mressqa mill-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Francis Refalo u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha u dan għajr għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat ir-revoka permanenti ta' kull liċenzja jew permess maħruġa f'isem l-appellant taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija liema parti qed tiġi revokata u dana minħabba d-dħul fis-seħħ fil-mori tal-appell tal-emendi bl-Avviż Legali 86 tal-2022 li ġiet aktar

favorevoli għall-appellant u b'hekk għandu jibbenefika minn tali emenda u minflok din il-Qorti tordna r-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti msemmija u taħt it-Taqima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**